**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 2 ta'Frar 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.15 p.m. billi intqalet it-talba.

**1.2.** Is-Sindku f'isem il-Kunsill wera s-soghba tieghu ghal-mewt ta' l-eks Kunsilliera u l-ewwel Vici Sindku Lily Bezzina Wettinger li mietet dan l-ahhar. Il-Kunsill filwaqt li sellem lil Lily Bezzina Wettinger, ta l-kondoljanzi lill-familjari taghha.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 69**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. informa li l-formola ffirmata kienet ittiehdet il-MEPA u issa jonqos biss li jinhareg il-*Compliance Certificate*.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:20 p.m.***

**3.2** ***Para 3.2 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew lill-MT sabiex jaghmlu s-*site inspection*.

Rigward il-kont tal-Bitmac, inqrat *email* li l-Kunsill ircieva minghand l-kuntrattur u gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jwiegeb ghal din il-korrispondenza l-aktar minhabba l-allegazzjonijiet li qed isiru mill-kuntrattur fil-konfront ta l-Agent S.E. Gie unanimament approvat ukoll li l-Kunsill ihallas l-ammont tal-kont li fuqu ma kellux oggezzjoni.

**3.3** ***Para 3.4 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** Is-S.E. informa li konna rcevejna kummenti posittivi minghand Kunsilli ohra dwar iz-zewg kumpaniji li kienu tefghu l-offerta ghall-gbir ta' l-iskart. Peress li d-Dipt. ghall-Gvern Lokali kien talab xi nformazzjoni dwar il-kuntratti tal-gbir ta' l-iskart minghand il-Kunsilli kollha, gie unanimament deciz li l-Kunsill jistenna xi zviluppi qabel ma jiddeciedi lil min jaghti l-kuntratt.

**3.4** ***Para 3.5 – Devoluzzjoni Xelter :*** Is-Sindku nforma li l-laqgha mas-Sur Lino Mintoff u

ufficcjali ohra mid-Dipt. ta' l-Artijiet kienet ser issir nhar il-Hamis fil-ghodu u l-Kunsillieri kollha urew l-intenzjoni li jattendu.

**3.5** ***Para 3.7 – WIFI fi Gnien il-Paci*** **:** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet harget u din taghlaq fil-15 ta' Frar.

**3.6** ***Para 3.10 – Triq il-Mithna*** **:** L-Agent S.E. informa li l-Perit C. Micallef kien gie nfurmat permezz ta' ittra bid-decizjoni tal-Kunsill.

**3.7** ***Para 3.12 – Zvilupp fi Triq Kromb il-Bahar*****: –** L-Agent S.E. informa li l-*Enforcement Officer* tal-MEPA kien gie fuq il-post wara talba li saret mill-Kunsill u dan kien infurmana li ma kien hemm l-ebda ksur tal-permess.

**3.8** ***Para 3.13 – Kisi ta' Toroq bit-Tarmak : –*** L-Agent S.E. informa li l-Perit H. Zammit kiene ipprepara l-istima ghal Triq Naxxar li kienet tammonta ghal madwar €18,000.

**3.9** ***Para 3.14 – Patt tas-Sindki :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet harget u din taghlaq fil-15 ta' Frar.

**3.10** ***Para 3.15 – Website*** **tal-Kunsill :** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet harget u din taghlaq fil-15 ta' Frar.

**3.11** ***Para 3.18 – Bankina Triq 31 ta' Marzu :*** L-Agent S.E. informa li konna qed nistennew l-istima minghand id-Dipt. tad-Distretti.

Il-Kunsillier A. Muscat informa li flimkien ma' ufficcjali mid-Dipt. tad-Distretti kien mar fi Triq Ghaxqet l-Ghajn kantuniera ma' Triq il-Gnien fejn raw il-hsara li kienet qed isir lil hajt tas-sejjieh li hemm taht it-triq konsegwenza ta' l-ilma tax-xita. Fic-cirkostanzi gie deciz li ghandu jsir *embellishment* ta' l-area billi l-parti ta' vicin il-hajt tinghalaq halli ma tkunx accessibbli ghall-vetturi u fiha jizerghu s-sigar. Ghandhom ukoll jittiehdu mizuri halli l-ilma tax-xita jigi iddevjat milli jidhol fl-area.

**3.12** ***Para 3.19 – Triq Fra Duminku Mifsud :*** L-Agent S.E. informa li l-MT kienu nfurmawna li kienu ser jaghmlu *site inspection*.

**3.13** ***Para 3.20 – Master Antenna :*** L-Agent S.E. informa li ufficcjali mill-MCA kienu gew fuq il-post u kienu ghamlu diversi testijiet kemm dwar il-livell ta' emmissjonijiet kif ukoll dwar interferenzi allegatament ikkawzati mill-*Master Antenna*. Issa kien jonqos biss li nircievu r-rapport taghhom dwar dak li nstab. Il-Kunsill iddecieda wkoll li sabiex ikollu rizultati indipendenti dwar dawn l-emissjonijiet, ghandu jqabbad lill-Malta University Services sabiex jaghmlu testijiet huma wkoll.

**3.14** ***Para 3.27 – CCTV Monitor :*** Peress li irrizulta li ghas-CCTV hemm bzonn TV u mhux *monitor*, il-Kunsillier A. Muscat offra TV li kellu hu. Dan it-TV kellu bzonn xi tiswija zghira sabiex jkun jista jibda jintuza.

**3.15** ***Para 7.7 – Skema Dwar Progetti ta' Energija Alternattiva :*** Is-Sindku spjega li peress li kien hemm indikazzjonijiet cari favur progetti f'postijiet pubblici, kienet saret applikazzjoni sabiex jigi nstallat apparat *photovoltaic* sabiex jiggenera d-dawl fi Gnien il-Paci.

**3.16** ***Para 8.1 – Bollards fi Triq Ghaxqet l-Ghajn*** : Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-*bollards* kienu gew ordnati kif approvat.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba sabiex jizdiedu n-numru ta' *Dog Bins* fir-rahal specjalment fi Triq Indipendenza u Triq Caravaggio. Gie unanimament deciz li aktar bins jinxtraw aktar il-quddiem.

**5.2** Ilment dwar sigra fi Triq Naxxar li qed tkun ta' ostaklu ghal min jghaddi minn quddiemha. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jitlob lis-sid tar-residenza li minnha hierga din is-sigra sabiex jizborha.

**5.3** Ilment dwar vettura li ilha mitluqa f'ghalqa fi Triq Naxxar ghal diversi jiem. L-Agent S.E. intalab sabiex jiccekkja jekk din kienitx koperta b'licenzja valida tas-sewqan. Jekk din ghandha licenzja valida ma hemm xejn hazin li sidha jzommha fl-ghalqa.

**5.4** Suggeriment sabiex jibdew isiru lezzjonijiet tat-tpingija fl-apert fis-Sajf. Il-Kunsillier P. Fenech wera nteress f'dan is-suggeriment u ser jiehu hsieb iressaq proposta ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghall-applikazzjoni 5517/09 peress li allegatament parti mill-izvilupp huwa l-barra miz-zona tal-bini.

**6.2** Memo 19/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Fondi ghal Konferenzi Internazzjonali f'Malta.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 20/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Memo 21/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi żgħar.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li napplikaw ghar-restawr tax-xelter.

**6.5** Memo 23/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Avviżi tal-MEPA dwar Applikazzjonijiet għal Żvilupp.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill jibda jpoggi dawn l-Avvizi fin-*Noticeboard* kif ukoll fuq il-*website* tal-Kunsill jekk il-MEPA jkunu jridu.

**6.6** Memo 25/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Kuntratt dwar Gbir ta' Skart Domestiku mhallat.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Memo 26/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Taxxa fuq *Allowance* lill-Kunsillieri.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.8** Memo 27/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta’ Finanzjament ta’ Proġetti Speċjali f’Lokalitajiet Żgħar

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill japplika sabiex jinbena mill-gdid il-Gnien tal-Ponta.

**6.9** Memo 28/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.10** Korrispondenza minghand il-GRTU dwar il-gbir ta’ l-iskart separat.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.11** Korrispondenza minghand l-HSBC tinfurmana li l-bank kien laqa t-talba taghna sabiex jisponsorja tabella ‘ Merhba’ sabiex tehel fi Triq Sta Katerina.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.12** Korrispondenza minghand l-AKLM tinfurmana bil-laqgha tas-Sindki li ser issir fis-26/27 ta’ Frar 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku nforma li huwa kien ser jattendi.

**6.13** Korrispondenza minghand it-taqsima ghat-Tismija tat-Toroq tinfurmana li s-suggeriment taghna sabiex triq gdida fi Triq Dimitriju Farrugia tissemma ghal Katerina Sammut kienet giet milqugha.

Din il-korrispondenza giet innotata. Il-Kunsill unanimament approva li meta jidher l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jigu ordnati t-tabelli b’isem tat-triq u jigu infurmati r-residenti li joqghodu f’din it-triq.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku nforma li l-Kappillan kien talab laqgha mal-Kunsill u din kienet ser issir fit-18 ta’ Frar 2010 fil-5:30 p.m.

**7.2** Is-Sindku qal li ghandu informazzjoni li fir-rahal fit-22 ta’ Mejju 2010 ser issir ic-cerimonja tal-Vigli tal-Pentekoste. Huwa qal li aktar dettalji dwar din l-attivita’ ser jinghataw aktar il-quddiem.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7.3** Is-Sindku ta dettalji dwar il-laqghat li l-Kunsill kellu ma' l-Ghaqda tan-Nar u l-Kumitat tal-Kazin tal-Banda. Gie unanimament deciz li l-Kunsill Lokali jkompli jsegwi *acknowledgement* minghand il-Kumitat tan-Nar ghall-ittra tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb li qed jinkiteb mis-Sur Isaac Aquilina.

Rigward il-laqgha mal-Kumitat tal-Banda, l-Kunsill unanimament qabel li jikkunsidra favorevolment talba li tista issir mill-Kumitat tal-Banda sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali tittella akkademja fil-Knisja Parrokkjali. Decizjoni finali tittiehed wara li ssir talba formali mill-Kumitat tal-Banda kif ukoll nigu ipprovduti bl-informazzjoni u d-dettalji kollha.

**7.4** Is-Sindku spjega li fil-jiem li ghaddew kellu laqgha mal-Kunsill Skolastiku fejn intalbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jitrangaw xi affarijiet fl-iskola. Is-Sindku talab lill-President tal-Kunsill Skolastiku sabiex tiddiskuti t-talbiet li ghamlu mal-Kap ta l-iskola u wara jipprezentaw proposta bil-miktub sabiex tigi ikkunsidrata mill-Kunsill Lokali. Gie innotat pero li diversi mit-talbiet imressqa setghu l-ewwel jigu mressqa lid-Dipt ta' l-Edukazzjoni.

**7.5** Is-Sindku nforma li l-€1,000 li kellna niehdu mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali ghall-Kampanja ta' Tindif kienu waslu.

**7.6** Gie unanimanent approvat li jigu ordnati numru ta' tabelli tat-traffiku sabiex jinbidlu tabelli ohra li huma fi stat hazin ta' manutenzjoni.

**7.7** Gie approvat li jitranga n-*noticeboard* tal-Bus Shelter tal-Pjazza skond il-htiega. Il-Kunsillier A. Muscat offra li jkellem lil Joe Mula sabiex jghin f'dan ix-xoghol.

**7.8** Is-S.E. nforma li l-konsum tad-dawl li ntuza mid-dekorazzjonijiet tal-Milied 2009 jammonta ghal €191.68. Gie unanimament approvat li jsir dan il-hlas lill-Parrocca li minghandha ittiehed id-dawl.

**8** **Aggornament**

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:10 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar il-Hamis 11 ta' Frar 2009 fis-7:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **18 ta' Frar 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |